**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

`

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 102/2019

**14 ta' Mejju, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Pablo Cachia Belli - Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Ivan Agius – Vici-Sindku
Antonia Perini - Kunsilliera

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 102.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

102.1.1 Ma kienx hemm

### 102.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

102.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 101 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

101.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

101.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 102.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

102.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi bejn April u Mejju 2019, kienet attendiet ghal numru ta' konferenzi ghall-istampa li kienu gew orgnazzati mid-Dipartiment ghall-Gvern Centrali u diversi Ministeri b'konnessjoni ma' skemi u inizjativi li kienu gew imhabbra.

102.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet zammet laqgha mal-istudenti ta' eko-skola li matulha kien gie diskuss programm b'numru ta' proposti li l-istess studenti kienu ressqu lill-Kunsill Lokali.

### 101.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

102.4.1 Is-Sa. Noyah Spiteri staqsiet jekk kienx possibbli li ssir xi tip ta' rampa fi Triq l-Ajkla. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi r-residenti taz-zona kellhom jibghatu talba bil-miktub lill-Kunsill Lokali bil-ghan illi l-istess Kunsill Lokali jkun jista' jressaq it-talba lill-awtoritajiet centrali.

### 102.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

102.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru06/19) ghall-approvazzjoni.

102.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri issekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

102.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda' ta' skeda' ta' hlasijiet mill-petty cash li kienu nhargu mill-Kunsill Lokali matul ix-xhur ta' April 2019 ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

102.5.4 Wara proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mill-Kunsilliera Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**102.6 Audit Report u Management Letter 2018/ Risporta ghall-Management Letter**

102.6.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali l-*management letter* li kien ircieva l-Kunsill Lokali, flimkien ma' abbozz ta' dokument b'risposti ghall-punti li kienu tqajmu mill-udituri tal-Gvern Centrali. Is-Sa. Zerafa stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall iz-zewg dokumenti.

101.6.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv qara d-dokument tal-management letter u r-risposti rispettivi ghall-punti li kienu tqajmu, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost.

**102.7 Amministrazzjoni**

102.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi mill-individwi li kienu baghatu curriculum vitae ghall-mili ta' post vakanti ta' skrivan fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Bormla, kienu biss tlieta l-persuni li kienu attendew ghal interview. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess individwi ma kienux issodisfaw il-kriterja li kien stabilixxa l-Kunsill Lokali u ghaldaqstant, il-bord maghzul mill-Kunsill Lokali kien ghamel rakkomandazzjoni sabiex ma jinghazel hadd mill-kandidati. Wara diskussjoni libera, gie deciz b'mod unanimu illi kellha tintleqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jigi infurmat id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi jkun jista' jitkompla l-process ta' ingagg.

101.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali wara diskussjoni li kellha mas-Segretarju Ezekuttiv kienet qieghda tipproponi illi l-Kunsill Lokali jahtar Deputat Segretarju Ezekuttiv. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward bi qbil mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet qieghda tipproponi illi s-Sa. Elaine Caruana, Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Kalkara tinhatar deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill lokali ta' Bormla. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti dwar il-materja.

**102.8 Rapporti**

102.8.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tintleqa' petizzjoni li kien ircieva l-Kunsill Lokali sabiex tigi mressqa traffic calmer li kien hemm fi Triq il-Pellegrinagg.
- Gie deciz illi ma kelliex tigi milqugha talba li l-Kunsill Lokali kien ircieva

ghal hruq ta’ nhar mill-Verdala fl-okkazjoni ta’ purcissjoni li kienet ser tkun qieghda ssir bl-istatwa ta’ San Lawrenz.

102.8.2 Gie approvat b’mod unanimu rapport li tressaq dwar hsarat fuq tabelli tat-traffiku. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jordna x-xoghol.

102.8.3 Il-Kunsill Lokali qabel illi tigi accettata l-orhos stima, li kienet tappartjeni lil Urban Play Solutions ghal xiri ta’ apparat bil-ghan illi ssir manutenzjoni fuq *playing field* li kien hemm fi Gnien Santa Margerita.

102.8.4 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stima ghal survey fi Kwartier San Nikola, Sur Santa Liena u Sur San Pawl. Is-Sindku ziedet tghid illi fir-rigward il-Kunsill Lokali kien qieghed jiddiskuti mal-Gvern Centrali l-possibilita’ illi jsiru progetti permezz ta’ fondi mill-Ministeru ghall-Ambjent. Hija qalet illi ghaldaqstant u bil-ghan illi ma jintilfux il-fondi kienet qieghda tirrakkomanda illi l-Kunsill Lokali jidhol ghall-ispiza relatata mas-Survey, liema spiza kienet tikkwantifika ghal Ewro1822.00. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku.

**102.9 GDPR u CCTV cameras**

102.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni flimkien mal-kumpanija maghzula mill-Kunsill Lokali kienu qieghdin jahdmu bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun konformi mal-General Data Protection Regulations li dahlu fis-sehh f’Mejju 2018.

102.9.2 Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara laqgha li kellha mal-iskola primarja u l-istudenti ta’ eko-skola kienet tal-opinjoni li l-Kunsill Lokali flimkien mal-iskola primarja jniehdu l-process sabiex fiz-zona jigu installati CCTV cameras. Wara diskussjoni libera dwar il-materja, filwaqt li kien hemm qbil unanimu mal-principju gie deciz illi kellu jinbeda l-process ta’ DPIA bil-ghan illi kemm il-darba jinhareg il-permess mehtieg l-istess CCTV cameras jigu installati.

**102.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

101.10.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-7:00 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 11 ta’ Gunju 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 11 ta’ Ġunju, 2019

IFFIRMATA

___________________

**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

IFFIRMATA

_______________________

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv